# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2000**

**Numru**

**Avviz. numru 865/98mm**

**Maltacom plc**

**vs**

**Mario Schembri u b'digriet tal-Qorti tat-8 ta' Gunju 1998 lill-kumpanija Alfred Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' April 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallasha s-somma ta' erba mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm488.05) rappresentanti d-danni li huwa kkaguna lill-attrici meta nhar t-3 ta' Lulju 1996, huwa laqat 'telephone cable' proprjeta' tal-attrici u dana waqt li kien qieghed jesegwixxi xogholijiet fi Triq it-Torri, Birkirkara, u hekk kif ahjar spjegat mill-annessi dokumenti A sa C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa illi:

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-hsarat ikkagunati waqt ix-xogholijiet nkwistjoni sehhew minhabba li s-socjeta' attrici naqset illi tindika lis-socjeta' konvenuta, kif kienet fid-dmir illi taghmel, l-lokazzjoni minn fejn kien ghaddej l-cable tat-telephone proprjeta' tas-socjeta' attrici u b'hemm konsegwentement l-hsarat ma sehhewx tort tas-socjeta' konvenuta.

2. Illi ghal dak li jirrigwarda lill-konvenut Mario Schembri f'ismu proprju dan ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa personalment qatt ma kkaguna danni lis-socjeta' attrici u qatt ma esegwixxa xogholijiet ta' thaffir tat-toroq fl-inhawi indikati fl-avviz, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Ill fit-3 ta' Lulju 1996 ghal habta ta' sitta neqsin kwart ta' filghaxija Lawrence Pavia fil-kapacita tieghu bhala 'senior technical officer' tat-Telemalta kien irrapporta lill-Pulizija li kienet saret hsara lill-linji tat-Telemalta waqt xogholijiet li kienu qieghdin isiru fi Triq it-Torri B'Kara minn kuntrattur Mario Schembri.

Irrizulta mill-provi illi dana Mario Schembri kien qieghed jahdem f'din it-triq u x-xoghol tieghu kien kummissjonat mid-Road Department u kellu jbiddel il-wicc tat-tarmac. Dana jsir billi jitnehha dan il-wicc sa fond ta' tlett pulzieri u jitqieghed wicc iehor. Fl-ebda fazi ta' dawn ix-xogholijiet ma kellhom jittaqbu xi trinek jew isir thaffir aktar minn tlett pulzieri. L-istess konvenut Schembri xehed illi huwa kien akkwista l-permessi kollha minghand id-dipartimenti sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet u di piu' anke t-Telemalta kienu baghtu n-nies taghhom sabiex jimmarkawlu dawn il-cables. Gara pero' illi kien hemm xi cable

illi kien anqas minn tlett pulzieri minn wicc it-triq b'tali mod illi waqt illi Schembri kien ghaddej bl-ingenji tieghu ntlaqat dan il-cable. Schembri ma giex infurmat mit-Telemalta illi dan il-cable kien daqshekk vicin wicc it-triq. Schembri xehed illi meta gew il-haddiema ta' l-Enemalta halli jaghmlu t-tiswijiet u anke kompla haffer bl-ingenji tieghu madwar dan il-cable halli jkun jista jitnizzel aktar fil-fond u b'hekk ma tergax tigri l-istess hsara.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidhrilha illi biex ikun hemm success ghall-istanza attrici dina trid tipprova illi gratilha l-hsara b'tort tal-konvenut. Jekk ma taghmilx din il-prova l-istanza taghha ma jistax ikollha success. Dan it-tort tal-konvenut jista jimmanifesta ruhu f'diversi modi, l-aktar komuni huwa dak naxxenti minn xi att negligenti da parti ta' l-istess konvenut. F'dan il-kaz il-Qorti ma tara xejn negligenti fl-operat tieghu u dana l-ghaliex ma rrizulta l-ebda nuqqas da parti tal-konvenut jew xi haddiema tieghu waqt li kienu qieghdin jesegwixxu x-xogholijiet kommissjonati lilhom. Bir-ragun il-konvenut ma kienx sejjer jippretendi illi kien ser ikun hemm cable proprju anqas minn tlett pulzieri minn wicc it-triq. Ix-xogholijiet illi huwa kien qieghed jesegwixxi ma kellhomx ikunu ta' ostakolu ghal ebda cable jew inkella xi servizz li kien hemm

taht it-triq ghax tlett pulzieri biss ma ghandekx issib l-ebda wahda minn dawn is-servizzi. F'dan il-kaz pero' kien hemm xi nuqqas waqt li kien jigi mqieghad dan il-cable biex spicca daqshekk vicin wicc it-triq.

Il-Qorti ghalhekk ma ssib l-ebda nuqqas da parte tal-konvenut jew il-haddiema tieghu li jista b'xi mod jigi attribwit ghal xi att negligenti. Ghalhekk il-Qorti ma jidrilhiex li l-konvenut ghandu jinstab responsabbli ghal dawn il-hsarat kif allegati mis-socjeta' attrici f'dan l-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.